MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 419/2004

**Alfred GALEA, Maria Schembri u Salem Shaban**

**vs**

**Albert u Doris konjuġi ELLUL**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta’ Ġunju, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti ssib li l-imħarrkin miżżewġin Ellul wettqu spoll bi ħsara għall-istess atturi, meta tellgħu ċint tal-injam madwar ġnien ta’ blokk ta’ appartamenti li kien jintuża minnhom ilkoll. Talbu wkoll li l-Qorti tordna lill-imħarrkin biex, fiż-żmien li jogħġobha tagħtihom, jerġgħu jagħtu lill-atturi l-pussess sħiħ tal-użu tal-ġnien bħalma kellhom qabel u biex, f’każ li l-imħarrkin jonqsu li jagħmlu dan, biex l-istess atturi jagħmlu kulma huwa meħtieġ biex, bi spejjeż għall-imħarrkin, jerġgħu jiksbu l-pussess u l-użu tal-imsemmi

ġnien. Talbu wkoll il-kundanna tal-imħarrkin għall-ispejjeż tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2004, li bih tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi tagħhom;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fis-27 ta' Lulju, 2004, flimkien mad-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fil-21 ta' Ottubru, 2004, flimkien max-xhieda bl-affidavit u l-provi dokumentali mehmużin magħha;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Novembru, 2004, li bih tat direttivi dwar in-notifika tal-atti tal-kawża lill-imħarrkin u t-tressiq tal-provi tagħhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Ellul fil-15 ta' Diċembru, 2004, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li dak li l-atturi jallegaw li kien l-għamil spoljattiv kien seħħ aktar minn xahrejn qabel ma nfetħet il-kawża. Iżidu jgħidu wkoll li huma ma wettqu l-ebda spoll għaliex iċ-ċint ittella' madwar parti mill-ġnien li hija tagħhom u li ħadd qatt qabel ma kien uża;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Jannar, 2005, li bih qegħdet il-kawża fuq il-lista ta' qabel is-seduta (*pretrial*) quddiem l-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Maria Dolores Gauċi;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-imsemmija Asistent Ġudizzjarju u x-xhieda mressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2006, li bih appuntat il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq għas-smigħ tat-30 ta' Novembru, 2006;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-atturi;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Diċembru, 2006[1], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tat-30 ta' Novembru, 2006, tat żmien lill-istess imħarrkin biex iressqu Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-8 ta' Jannar, 2007[2];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Frar, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' spoll. L-atturi lkoll jikru ambjenti minn korp ta' bini – magħmul minn ħwienet u appartamenti – li jġib l-isem ta' "*Queen's Gate*", li jinsab f'numru sitta u għoxrin (26), Triq il-Qasam, Swieqi, u li għandu ġnien fuq in-naħa ta' wara tiegħu. L-atturi jgħidu li l-imħarrkin, jew nies imqabbdin minnhom, tellgħu ċint tal-injam (*fence*) madwar parti mill-imsemmi ġnien li tmiss mal-appartament tal-imħarrkin. Jgħidu li dan sar fil-bidu ta' April, 2004. Iridu li jitneħħa l-imsemmi ċint u li huma jingħataw l-aċċess sħiħ u bla mittiefes tal-istess ġnien;

Illi l-imħarrkin jilqgħu għal din l-azzjoni billi jgħidu li ċ-ċint ittella' qabel April tal-2004, u li ċ-ċint ittella' fi ħwejjiġhom stess u għalhekk ma sar l-ebda spoll;

Illi mill-<u>provi li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur Alfred Galea jikri mingħand Swieqi Investments Limited il-ħanut (remissa) bin-numru tmenja u għoxrin (28) li jagħmel parti mill-korp ta' bini bl-isem ta' "*Queen's Gate*", fi Triq il-Qasam, Swieqi. Ilu jikrih sa minn April tal-2003[3] L-attriċi Maria Schembri ilha tikri mingħand l-istess kumpannija l-ħanut bin-numru erbgħa u għoxrin (24) fl-istess korp, b'seħħ minn Lulju tal-2000[4] liema kuntratt

[1] Paġ. 105 tal-proċess
[2] Paġġ. 106-7 tal-proċess
[3] Xhieda tiegħu b'affidavit 30.9.2004, f'paġ. 25 tal-proċess
[4] Dok "A", f'paġġ. 5-7 tal-proċess

reġa' ġġedded għal għaxar snin oħra f'Ottubru tal-2003[5]. Filwaqt li l-attur Salem Shaban jikri wkoll mingħand l-imsemmija kumpannija l-appartament internament markat numru tnejn (2) sa minn Marzu tal-2004[6]. L-imħarrkin huma s-sidien tal-appartament numru wieħed (1) fl-istess korp ta' bini. Dawn xtrawh fi Frar tal-2003[7];

Illi fuq in-naħa ta' wara tal-korp tal-bini msemmi hemm ġnien imdaqqas li wieħed jidħol għalih minn bieb f'kuridur komuni fil-livell terran. Dan il-bieb jissakkar, imma l-atturi Galea u Schembri għandhom ċavetta għalih, minkejja li l-ħwienet mikrija lilhom ma għandhomx aċċess għall-ġnien. Fuq in-naħa ta' wara tal-appartament tal-imħarrkin hemm gallarija li minnha hemm aċċess ieħor, b'taraġ tal-injam, għall-istess ġnien. L-appartament mikri lill-attur Shaban jiġi biswit dak tal-imħarrkin. Iċ-ċint li ttella' huwa tal-injam u jaqsam il-ġnien min-nofs għat-tul tiegħu[8]. Iċ-ċint ittella' minn John Gafa'[9], imqabbad mill-imħarrkin. L-injam inxtara mingħand id-ditta Cortis Timber & Wood Products Limited ta' Ħaż-Żebbuġ fis-27 ta' Marzu, 2004[10]. Il-kawża nfetħet fl-4 ta' Ġunju, 2004;

Illi għar-rigward tal-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt li jirrigwardaw il-każ</u>, jibda biex jingħad li huwa stabilit li l-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra[11] (*spoliatus ante omnia restituendus*). F'din l-azzjoni huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-pussess; (b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u (ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn dak it-teħid;

Illi dwar <u>l-ewwel element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar

---

5 Dok "B", f'paġ. 8 tal-proċess
6 Dok "Ċ", f'paġġ. 9-11 tal-proċess
7 Dok "F", f'paġġ. 19 sa 21 tal-proċess
8 Dok "X", f'paġ. 32 tal-proċess
9 Xhieda tiegħu 7.11.2005, f'paġġ. 73-6 tal-proċess
10 Dok "JC", f'paġ. 82 tal-proċess
11 Ara App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Tabone et*** (mhux pubblikata)

materjali jew ta' fatt[12]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[13], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[14] u dak tal-ispoll[15]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[16]. Huwa magħruf ukoll li din l-azzjoni tħares il-pussess ta' eżerċizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-każ fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd maħluq minn stat ta' fatt;

Illi l-liġi għandha dispożizzjoni speċifika għall-każ ta' kif jitqies il-pussess f'każ ta' servitu'[17] wkoll. Iżda l-iżjed ħaġa rilevanti għall-finijiet tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum hu li wieħed jista' jitkellem dwar pussess tutelabbli wkoll fejn tali eżerċizzju ta' jedd ma jkunx imnissel minn titolu, li n-nuqqas tiegħu m'huwiex ta' xkiel għall-eżerċizzju tar-*remedium spolii*[18];

Illi dan qiegħed jingħad għaliex, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu tal-għeluq, l-għaref difensur tal-imħarrkin ressaq l-argument li l-atturi ma kellhomx titolu x'juru għal-pretensjoni tagħhom tal-pussess tal-ġnien jew ta' xi parti minnu. L-istess ħaġa tissemma fl-affidavit tal-imħarrka Doris Ellul[19]. Dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Huwa magħruf li l-azzjoni ta' spoll ma jinteressaha xejn jekk il-persuna spoljata kinitx sid jew kellhiex xi jedd patrimonjali tal-ħaġa posseduta: l-interess waħdieni f'din l-azzjoni huwa jekk kellux żamma jew pussess materjali. Issa mix-xhieda mressqa, jirriżulta ċar li l-atturi kienu jagħmlu użu mill-ġnien. Sa ma l-imħarrkin daħlu joqogħdu fl-appartament tagħhom dan l-użu ma sab l-ebda xkiel u kien isir bil-miftuħ[20], u saħansitra bl-għarfien u l-ħarsien tas-sid[21]. Din ix-xhieda qajla ġiet kontestata mill-

---

[12] App.: **26.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe*** (Kollez. Vol.: **LXXX.ii.306**)
[13] P.A. : **21.2.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna***
[14] App.: **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)
[15] P.A. **12.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Ċilia et vs L. Camilleri et*** (mhux pubblikata);
[16] P.A.: **21.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farruġia*** (mhux pubblikata);
[17] Art. 537 tal-Kap 16
[18] App. Ċiv **21.4.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.55)**
[19] Affidavit tagħha 28.9.2005, f'paġġ. 61-2 tal-proċess
[20] Affidavit tal-attur Shaban 13.10.2004, f'paġ. 29 tal-proċess; u affidavit ta' Monique Żammit 14.3.2005, f'paġ. 52 tal-proċess
[21] Affidavit ta' Saviour Pisani 20.10.2004, f'paġġ. 30-1 tal-proċess

imħarrkin, li, jrid jingħad, għal biċċa l-kbira mż-żmien rilevanti għal tali użu, lanqas biss kienu għadhom daħlu joqogħdu fl-appartament tagħhom. Għall-kuntrarju, jidher li l-kwestjonijiet dwar l-użu tal-ġnien u ħwejjeġ oħra (per eżempju, il-każ tal-qtates li l-imħarrka ma riditx aktar fil-ġnien; jew il-każ ta' meta Doris Ellul sakkret il-bieb tal-ġnien min-naħa ta' wara) bdew iseħħu sewwasew meta huma daħlu jokkupaw l-appartament tagħhom;

Illi għall-Qorti dan ifisser li l-atturi, ukoll jekk fi grad differenti, kellhom il-pussess ta' dak il-ġnien kollu f'għamla tajba biżżejjed biex jistgħu jgawdu l-ħarsien li jagħtu l-azzjonijiet possessorji maħsuba fil-Kodiċi Ċivili tagħna. Issib ukoll li dan il-pussess baqa' sa ma ttella' ċ-ċint mill-persuna mqabbda mill-imħarrkin. Għalhekk, il-Qorti ssib li l-element tal-pussess huwa stabilit kif għandu jkun;

Illi, dwar it-tieni element, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu[22]. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[23];

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu jew mingħajr ma jitħalla jintebah bih[24];

Illi mill-provi mressqa, jirriżulta li kienu l-imħarrkin Ellul li għamlu jew qabbdu lil min jagħmel ix-xogħlijiet li jilmintaw minnhom l-atturi, u li dan tistqarru kemm l-imħarrka u kif ukoll il-persuna li qabbdu biex itella' ċ-ċint;

Illi f'dan il-każ, ma hemm l-ebda dubju li l-atturi ma qablux ma' dak li sar u lanqas jidher li ġew mitlubin jagħtu l-kunsens tagħhom għax-xogħlijiet li saru. Għall-kuntrarju,

[22] P.A. **30.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vella pro et noe. vs S. Micallef*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.695**)
[23] App. Ċiv. **9.1.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe***
[24] App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Lungaro*** (Kollez. Vol: **XLV.i.19**)

huma marru għand is-sid biex jgħarrfuh u biex jidħol għalihom billi jmur ikellem lill-imħarrkin, li, minkejja l-intervent tiegħu, baqgħu ma ċċaqilqux mill-pożizzjoni tagħhom dwar it-titligħ taċ-ċint;

Illi, jirriżulta ċar ukoll mil-provi mressqa li, hekk kif ittella' ċ-ċint u ntemm ix-xogħol, l-aċċess tal-atturi, jew min minnhom, naqas drastikament, għaliex effettivament tbarrew mill-aċċess għal nofs il-ġnien li, b'riżultat tax-xogħol li sar, ġie f'idejn l-imħarrkin waħedhom;

Illi, għalhekk hawn ukoll dan it-tieni element tal-azzjoni huwa ippruvat kif imiss;

Illi dwar it-tielet element, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza[25]. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eċċezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileġġat saret barra żmienha taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[26]. F'dan il-każ, il-kwestjoni taż-żmien qanqluha l-imħarrkin bħala eċċezzjoni ewlenija u għalhekk, jaqa' fuqhom l-obbligu li jippruvaw dak li jallegaw;

Illi dwar il-kwestjoni taż-żmien li fiha jmissha ssir il-kawża għandu jingħad li tinqala' l-problema dwar minn meta għandu jibda jintgħadd it-terminu ta' xahrejn li tiffissa l-liġi. Dan jinħoloq b'mod partikolari meta l-għamil spoljattiv ikun sar minn wara dahar il-persuna li kellha l-pussess. Kien hemm każijiet fejn il-qrati għamlu distinzjoni bejn meta l-għamil ta' spoll ikun wieħed li sar darba u fejn l-għamil ikun att li jippersisti, u għalhekk inħoloq il-ħsieb li l-azzjoni tibda jew minn meta l-persuna li tteħdilha l-pussess intebhet bl-ispoll jew meta l-att persistenti ntemm[27]. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, qari xieraq taż-żewġ artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġata tal-ispoll (l-artikolu 791

[25] P.A. NC **13.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred P. Farruġia et ne vs Peter Paul Cutajar***
[26] App. Ċiv. **18.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***N. Vassallo vs F. Esposito*** (mhux pubblikata) u App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Rita Micallef et vs Paul Galea et***
[27] P.A. **19.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Attard*** (mhux pubblikata)

tal-Kap 12 u l-artikolu 535 tal-Kap 16) ma jħallux għażla għal dik li għandha tkun it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jintgħadd iż-żmien ta' xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dak inhar tal-ispoll[28];

Illi huwa wkoll stabilit li ż-żmien ta' xahrejn jibda jgħaddi minn dak inhar li jkun seħħ l-ispoll u l-argument tad-*dies scientiae* ilu li ġie mwarrab mill-Qrati tagħna;

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-atturi jgħidu li x-xogħol tat-titligħ taċ-ċint sar fl-ewwel jiem ta' April tal-2004. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jisħqu li x-xogħol kien intemm kollu sal-1 ta' April, 2004, u minn dak inhar li nxtara l-materjal sa ma twaħħlet il-*fence* kollha ma għaddewx aktar minn jumejn. John Gafa' jgħid li beda jaħdem iċ-ċint fil-31 ta' Marzu u temm ix-xogħol l-għada. Dwar dan l-element kruċjali hemm konflitt ta' provi;

Illi l-Qorti tfakkar biss li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[29]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm ssemma'. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li tista' toqgħod fuqha u li tkun tiriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[30];

Illi meta l-Qorti għarblet sewwa l-provi mressqa, sabet li l-verżjoni tal-imħarrkin dwar meta sar ix-xogħol ilmentat hija waħda fejn wieħed jista' joqgħod fuqha aktar minn dik

[28] App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. F.X. Vassallo noe vs J. Baldacchino et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1354**)
[29] Ara, per eżempju, P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[30] P.A. PS **28.4.2003 fil-**kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***

imressqa mill-atturi. Dan jingħad l-aktar għaliex il-verżjoni tal-imħarrkin hija aktar preċiża, u msejsa fuq provi dokumentali. Min-naħa tagħhom, l-atturi jdaħħlu elementi li jgħinu t-teżi tagħhom, imma jistgħu jkunu qegħdin jirreferu għal ġrajjiet oħra li seħħew f'dawk il-jiem b'xogħlijiet oħrajn li għamlu l-imħarrkin u li ma kinux l-għamil spoljativ mertu ta' din il-kawża. Minbarra dan, ladarba l-atturi kienu ġew mgħarrfa mis-sid Pisani li l-imħarrkin ma kinux iridu jafu bit-talba tal-istess atturi għat-tneħħija taċ-ċint, ma kellhomx għalfejn jittratjenu aktar u jonqsu li jieħdu ħsieb jiftħu l-kawża mill-aktar fis. Jirriżulta wkoll li dak inhar li nfetħet il-kawża kien lejn l-aħħar tal-Ġimgħa, u għalhekk ma jistax jingħad li t-terminu għalaq f'jum meta l-Qorti tkun magħluqa u l-att ma kienx jista' jitressaq. Jiġifieri, ukoll kieku kellu jittieħed l-aktar jum favorevoli għall-atturi dwar id-dekorriment tal-jedd tagħhom biex jiftħu l-kawża, xorta jkun ifisser li l-kawża nbdiet wara li kienu għaddew aktar minn xahrejn minn meta seħħ l-għamil ta' spoll[31], u dan imqar jekk dan id-dewmien huwa ta' ftit jiem biss;

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jeżistu, b'mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn, l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa;

Illi għalhekk, fil-każ preżenti, l-azzjoni tal-attur ma tistax tirnexxi għaliex l-elementi kollha tal-azzjoni ma jirriżultawx;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin** mżżewġin Ellul;

**Tiċħad it-talbiet attriċi,** billi ntwera li ma jeżistux l-elementi kollha meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

---

[31] App. Ċiv. **19.6.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb Montebello et vs Magri et*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.280**)

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------